MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 1011/2005

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Emanuel Schembri**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-6 ta’ Mejju 2005 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ tlieta u sittin Liri Maltin (Lm63.00), dovuta mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici in kwantu ghas-somma ta’ sittin Lira Maltija (Lm60.00) bhala prezz ta’ merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta’ attrici u in kwantu ghas-somma ta’ tlett Liri Maltin (Lm3.00) bhala imghax bir-rata legali fuq l-istess.

Bl-imghaxijiet legali ulterjuri sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici u jikkundanna lill-konvenut thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlieta u sittin Lira Maltija (Lm63.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------